**IKLIN**

**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IS-SITT KUNSILL**

**SEDUTA NRU 66 – IT-TNEJN 11 TA’ APRIL 2011**

Il-Kunsill iltaqgħa fl-uffiċċju Amministrattiv tiegħu fi 'Three Villages' Trejqet ir-Rumanzieri, l-Iklin. Il-laqgħa bdiet fil-5.30 p.m.

| | | |
|---|---|---|
| **PREŻENTI:** | Sur Anthony Dalli | Sindku |
| | Sija. Yvonne Bartolo | Viċi-Sindku |
| | Sija. Margaret Zammit | Kunsillier |
| | Sur Nazzareno Cauchi | Kunsillier |
| | Sur Carmel Caruana | Kunsillier |
| | Sur Alfred Naudi | Segretarju Eżekuttiv |

## 1. APPROVAZZJONI TAL-MINUTI TAL-LAQGĦA PREĊEDENTI.

1.1 Il-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill numru ħamsa u sittin (65) kienu ntbagħtu lil kull membru tal-Kunsill minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija.

1.2 Il-Kunsill approva unanimament il-korrettezza tal-minuti u ġew iffirmati mis-Sindku Anthony Dalli u s-Segretarju Eżekuttiv Alfred Naudi bħala dokument korrett.

## 2. KORRISPONDENZA.

Ġiet imressqa l-lista tal-korrispondenza kollha li waslet jew inħarġet mill-uffiċċju bejn id-29 ta’ Marzu u l-11 ta’ April 2011.

2.1 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi staqsa fuq il-korrispondenza Nru.0822/11. Persuna li ġiet toqgħod l-Iklin talbet biex jinħarġulha l-Istickers tar-*Residents Parking Scheme* peress li għadha ma' qalbitx l-I.D. Card.

2.2 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0846/11. Il-Fondazzjoni Majjistral Action Group, li l-Kunsill tagħna jifforma parti, kienet qed titlob pagament bħala kontribuzzjoni dovuta mingħand il-Kunsill tagħna.

2.3 Il-Kunsillier Ronnie Cauchi staqsa fuq il-korrispondneza Nru. 0867/11. Resident bagħat kopja ta' ittra bl-Avukat lil-Kunsill Lokali indirizzata lill-Korporazzjoni għas-Servizzi ta' l-Ilma dwar ħsarat bl-ilma li qed inixxi fil-basement tiegħu.

2.4 Il-Kunsillier Margaret Zammit staqsiet fuq il-korrispondneza Nru. 0897/11. L-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali bagħtet tinfurmana dwar ditta ġdida li qed toffri servizz ta' ġbir ta' skart.

2.5 Il-Viċi-Sindku Yvonne Bartolo staqsiet fuq il-korrispondenza Nru. 0915/11. Is-Soċjeta Ortikultura ta' Malta kienet qed terġa' tistieden lill-Kunsilli Lokali biex jipparteċipaw fil-Wirja annwali ġewwa San Anton.

2.6 Il-Kunsillier Carmel Caruana staqsa fuq il-korrispondenza Nru. 0923/11. Il-Kunsill Lokali bagħat ittra lis-Supretendent ta' Birkirkara biex jieħu passi fejn hemm bżonn fuq il-Caravans li hemm fi Triq San Mikiel.

Doc. A u B anness

## 3. ILMENTI.

3.1 Ġiet ippreżentata l-lista ta' ilmenti bejn id-29 ta' Marzu u l-11 ta' April 2011, kif tidher annessa bħala dokument C.

3.2 Rigward ilmenti fuq bozoz Nru. 141891 (Triq il-Wied– L 046 ) Nru. 141968 (Triq il-Wied – L055), Nru 06/04-2 (Triq Patri Marjanu Vella – W050 ), Nru. 142180 (Triq il-Klin – L080) u Nru. 141896 (Triq ir-Razzett L-Aħmar – L105 ) dawn ġew irrappurtati minnufih.

3.3 Rigward talba Nru. 04/04-1 biex il-karozza tal-linja numru 58 tibda tgħaddi minn Triq San Mikiel. Il-Kunsill Lokali sejjer ikellem lill-kumpanija l-ġdida Arriva biex jara x'jista' jsir.

3.4 Rigward talba Nru. 04/04-2 biex isiru *d-Double –Yellow lines* quddiem il-Maypole. Il-Kunsill ħa nota u dawn isiru dalwaqt.

3.5 Rigward ilment Nru. 05/04-1 dwar trakk li qed jipparkja fuq żewġ parking-bays fi Triq Karmenu Vassallo u qed ikerraħ l-area. Il-Kunsill qed jinvestiga dan il-kaz.

3.6 Rigward ilment Nru. 06/04-1 li fil-liwja ta' Triq San Mikiel hemm bżonn li l-ħofra tingħata t-tarmak. Il-Kunsill ħa nota.

3.7 Rigward ilment Nru. 07/04-1 li fi Triq May Butcher qed jgħaddu ħafna inġenji kbar 'one-way'. Il-Kunsill sejjer jinvestiga.

3.8 Rigward talba Nru. 07/04-2 biex issir 'sleeping-policeman' fi Triq May Butcher. Il-Kunsill qed jikkunsidra din it-talba.

## 4. ĦLAS TA' KONTIJIET U NFIQ IEĦOR.

4.1 Is-Segretarju ressaq lista ta' kredituri kif tidher annessa f'dokument immarkat D.

4.2 Is-Sindku Anthony Dalli 'mbagħad ippropona li jitħallsu l-kredituri li jidhru fl-iskeda annessa. Issekondah il-Kunsillier Ronnie Cauchi u wara kien hemm qbil unanimu li jsir il-ħlas indikat.

## 5. MATERJI KONNESSI MA' L-AWTORITA' TA' L-IPPJANAR.

5.1 l-Kunsillier Margaret Zammit għaddiet it-tagħrif dwar il-kontenut ta' l-applikazzjonijiet jew deċiżjonijiet li ttieħdu fl-Awtorita' ta' l-Ippjanar mill-aħħar laqgħa tal-kunsill.

5.2 Dwar PA 04966/10. So Galerie, Triq Dun Karm c/w Triq Geronimo Abos. Biex tiġi approvata t-tabella eżistenti, id-dwal, u tibdil fid-disinn tal-gallerija, u installazzjoni ta' panelli għar-riklami, taħt klassi 4. Kien hemm rikomandazzjoni biex l-applikazzjoni tiġi rifjutata.

5.3 Dwar PA 04728/10. 87, Triq Dun Karm c/w Triq Ġuze' Bonnici. Biex isiru żidiet u alterazzjonijiet fil-bini eżistenti. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.4 Dwar PA 02169/10. 30 Amiga, Triq Richard Taylor. Biex tiġi approvata l-pjanta hekk kif kienet ippreżentata mis-sid ta' qabel; tibdil interni fl-ewwel sular, u bini tat-tieni sular, u taraġ għall-bejt. L-applikazzjoni ġiet rifjutata.

5.5 Dwar PA 01668/10. 9, Richard Taylor. "Change of use' ta' garaxx għal-kiri ta' vetturi inkluz tabella. L-applikazzjoni ġiet approvata.

5.6 Il-Konsulent tekniku tal-Kunsill kien talab biex niktbu fuq l-applikazzjoni Nru. 01668/10. 9, Triq Richard Taylor, fejn nitolbu l-Mepa biex tassigura li l-garaxx jintuża għall-parkeġġ biss u mhux għall-manteniment /jew xogħol mekkaniku.

**6. KUMNIKAZZJONI MIS-SINDKU.**

6.1. Is-Sindku Anthony Dalli irrefera għal-Jum L-Omm u kien qed jipproponi li din is-sena issir fit-3 ta' Mejju u jmmoru Għawdex . Talab lil-Kunsilliera biex jaħsbu ftit fuq din il-proposta.
Irrefera wkoll għal-Energy Day 2011 li saret nhar is-Sibt li għadda 9 ta' April. Hu qal li din kienet suċċess għaliex barra li kien hemm il-Mosta Cycling Club Nursery li tat-wirja ta' tlett siegħat sħaħ, kien hemm ukoll, kemm tfal kif ukoll residenti li niżlu bir-rota fi Triq Geronimo Abos.
Dwar it-taħdidiet is-Sindku Anthony Dalli qal li mhux kollha kellhom attendenza kif mixtieq. Iżda xorta kienu ta' interess kbir għal min attenda.
Is-Sur Dalli ħabbar li Triq Frederick Borg kienet ingħatat it-tarmac taħt l-iskema tal-*Public Private Partnership* u fi ftit jiem oħra nibdew Triq il-Ħwawar.

**7. AĠĠORNAMENT**

7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv, għan-nom tal-Kunsilliera preżenti, ried jifraħ lis-Sindku Anthony Dalli għaliex f'din il-ġurnata stess, jiġifieri, l-11 ta' April (1994) huwa kien għalaq 17 'il-sena bħala Kunsillier, prattikament minn mindu bdew il-Kunsill Lokali.
Barra minn hekk, is-Segretarju żied jgħid li s-Sur Dalli għalaq ukoll 15 'il- sena Sindku, cioe', fl-4 ta' April 1996.
Hawn il-Kunsilliera ferħulu għas-servizz twil u dedikat li taha għal-ġid tal-lokalita' u r-residenti tal-Iklin.

7.2 Qabel ma' spiċċat il-laqgħa kien hemm ftehim li l-laqgħa li jmiss ssir nhar it-Tnejn 25 ta' April 2011 fil- 5.30pm.

7.3 Dawn il-minuti sejrin ikunu mressqa u approvati waqt il-laqgħa tal-Kunsill ta' nhar it-Tnejn 25 ta' April 2011 fil- 5.30pm.

7.4 Il-laqgħa ġiet fi tmiemha fis-6.30pm.

.

**Anthony Dalli**
Sindku

**Alfred Naudi**
Segretarju Eżekuttiv.